MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru 220/2012

Il-Pulizija
(Spettur Louise Calleja)

vs

Christina Cahill

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 9488M, akkuzata talli nhar id-29 ta' Dicembru 2011, f'San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. bil-hsieb li taghmel hsara lil Daniel Oliva, akkuzata quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna kienet innocenti.
2. iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva b'reat li taf li ma sarx inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li setghu

jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ssiba hatja. Rat l-Artiklu 101(1)(a) u 110(2) tal-Kap 9. Rat l-istqarrijiet taghha.

Tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------